



Brussell, 20 ta' Frar 2023
(OR. en)

6108/23

CDR 25

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika tal-Estonja, fil-Kumitat tar-Reġjuni
- Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra tat-23 ta' Novembru 2022, is-Segretarju Ĝeneralni tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sa Varje TIPP ġiet proposta għall-ħatra u nhatre¹.
2. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinhātru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sa Varje TIPP, il-Gvern Estonjan ippropona² lis-Sur Tiit TERIK, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Tallinna Linnavolikogu liige* (Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

¹ 15198/22.

² 6104/23.

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni li jinsab fid-dokument 6106/23 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
-